# IL-KNISJA TA’ KRISTU? HI UNIKA

Minn
George Ebejer

# IL-KNISJA TA' KRISTU HI UNIKA

Meta wieħed jaħseb ftit dwar il-ħafna reliġjonijiet differentili hawn fid-dinja, (madwar 850 reliġjon differenti) ma jistax ma jistaqsix, "Dan hu l-iskop li għalih Ġesù miet?" It-tweġiba hija, Le, dan hu dirrettament kuntrarju għat-talba ta' Ġesù għall-għaqda li naqraw fi Ġwanni 17: 20, 21. L-appostlu Pawlu kkundanna bis-sħiħ din il-firda (1 Korintin 1:10). F'Efesin 4:1-6 aħna għandna sejħa divina għall-għaqda kif l-Ispirtu s-Santu jixtieqha. Huwa mfisser li l-Mulej tagħna wiegħed li jibni mhux ħlief ġisem (knisja) spiritwali wieħed (Mattew 16:18). Fl-ewwel seklu Pawlu, Pietru, Ġwanni, Filippu u Stiefnu kienu kollha membri ta' l-istess knisja—il-knisja li Kristu kiseb bid-demm prezzjuż Tiegħu (Atti 20:28). Din kienet distinta u unika dak iż-żmien; il-knisja tal-Mulej hija l-istess ukoll illum.

Ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-knisja m'għandix tkun bħal dik ta' l-ewwel seklu. Il-knisja ta' Kristu hi distinta għaliex hija timxi fuq il-Bibbja biss bħala l-unika gwida tagħha. Dan jagħmel l-organizzazzjoni, tagħlim, qima, u l-ħajja tal-knisja uniċi fost it-taħwid tal-konfużjoni reliġjuża.

Ladarba l-knisja hija msemmija għal aktar minn 150 darba fit-Testment il-Ġdid, fis-smewwiet hemm interess għall-ħajja fir-reliġjon ta' Kristu. Aħna naqraw f'Efesin 5, li l-knisja hija suġġetta għal Kristu—mhux għal xi bniedem jew grupp ta' bnedmin, jew xi ktieb ta' dottrina jew katekiżmu—iżda biss għal Alla. Din il-verità nfisha tikkontribwixxi ħafna għad-distinzjoni tal-knisja ta' Kristu. F'Efesin 3:21 aħna nitgħallmu li Alla hu gglo-

rifikat fil-knisja kemm issa u għal dejjem. Il-knisja ta' Kristu teżisti llum? Xi wħud jemmnu li huwa impossibbli li fis-seklu tagħna li terġa' tmur għall-knisja tal-bidu tat-Testment il-Ġdid, il-knisja li aħna naqraw dwar-ha fil-Bibbja.

Illum ukoll, kull fejn bnedmin jobdu l-Iskrittura u jiltaqgħu flimkien, il-knisja tal-Mulej tkun preżenti. Jekk aħna nagħmlu dak li għamlu l-Kristjani fl-ewwel seklu, taħt it-tagħlim ta' l-Iskrittura, aħna nkunu eżattament dak li huma kienu. Huma kienu biss Kristjani (1 Pietru 4:16); huma kienu membri tal-knisja ta' Kristu biss (Rumani 16:16). Huma ma kienu membri ta' l-ebda denominazz-joni għaliex ma kienet teżisti ebda denominazzjoni dak iż-żmien!

Skuża oħra li ta' spiss tinstema' hija: "Ħafna snin għaddew mit-twaqqif tal-Kristjanità. Bit-taqlib li għaddiet minnu r-reliġjon, m'għadux jeżisti aktar il-Kristjaneżmu kif ġie mwaqqaf. Aħna ma nistgħux inkunu aktar sempliċiment Kristjani biss. Aħna rridu nkunu membri ta' xi denominazzjoni." Eluf ta' eluf intrabtu ma' raġuni bħal din. Illum insibu lil dawk li jsejħu lilhom infushom bħala Protestanti, Kattoliċi Rumani, Kattoliċi Ortodossi (Griegi), Xhieda ta' Jehovah, Pentekostali, Born Again, Battisti, Evanġeliċi, u ħafna u ħafna denominazzjonijiet oħra. Huwa dan aċċettabbli? Alla wiegħed li l-Kelma Tiegħu ma tirritornax lura vojta (Isaija 55:11) u li l-Iskrittura ispirata tagħmel lill-bniedem spiritwalment komplet, perfett (2 Timotju 3:16-17). B'hekk hija idea falza li temmen illi Alla jippermetti lix-xitan li jirbaħ fuq il-verità divina biex b'hekk iħassar il-pjan tal-fidwa tal-bniedem! Aħna nistgħu nkunu llum dak li kienu l-

qad-dejja ta' Ġesù 'l fuq minn elfejn sena ilu. Is-snin kollha li għaddew l-istess messaġġ għas-salvazzjoni (Rumani 1: 16; 2 Tessalonikin 2:14; Ġuda 3).

Ħalli nuru n-natura ċara ta' dan li qegħdin ngħidu. Suppost li l-logħba tal-futbol tintesa u tibda tintlagħab mod ieħor għal xi sekli. Jekk, fis-sena 2880, raġel ikollu josserva bir-reqqa l-ktieb tar-regolamenti tal-futbol tas-sena li fiha aħna qegħdin ngħixu fiha, hu jkun jista' jippreżenta lill-poplu taż-żmien tiegħu eżattament l-istess logħba li aħna nilagħbu llum. Il-logħba ma tibqax dik li kienet jekk titbiddel maż-żmien. U ħbieb, l-istess prin-ċipju japplika għall-Kristjaneżmu. Jekk aħna nobdu u ngħallmu dak it-tagħlim muri fil-paġni tat-Testment il-Ġdid aħna nkunu membri tal-knisja ta' Kristu biss u dan huwa għaliex f'dawk il-paġni aħna ma nistgħux naqraw dwar xi knisja jew denominazzjoni oħra! Aħna la nkunu membri tal-Knisja Protestanta, la membri tal-Knisja Kat-tolika Rumana u lanqas ta' xi waħda oħra minn dawk li nisimgħu dwarhom illum ħlief dik li Sidna Ġesù Kristu waqqaf. Il-Mulej jgħidilna f'Luqa 8:11 liż-"żerriegħa hi l-kelma ta' Alla." Tista' xi żerriegħa tipproduċi xi siġra differenti minnha? Hekk ukoll il-Kelma ta' Alla, iż-żer-riegħa spiritwali, ma tistax tipproduċi xi denominazzjoni ħlief il-knisja ta' Kristu! Issa, ħalli ninnutaw flimkien in-natura unika tal-knisja kif murija fit-Testment il-Ġdid.

## IN-NATURA UNIKA TAL-KNISJA

L-ewwelnett, il-knisja ta' Kristu hija distinta fl-atti-tudni tagħha lejn l-Iskrittura Mqaddsa. Aħna ma npoġġu assolutament ebda tifsir fit-tradizzjoni orali. Ħafna

passa-ġġi fl-Iskrittura jfakkruna dwar il-bluha li tgħamel dan. L-appostlu Pawlu jgħid hekk dwar dan,

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieqi u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu*" (Kolossin 2:8).

Il-Mulej Innifsu jgħid,

> "*Ħelu ħelu ġġibu fix-xejn il-kmandamenti ta' Alla biex tħarsu t-tradizzjonijiet tagħkom*" (Mark 7:9).

Illum nies aktar jafu dwar it-tradizzjonjiet tal-knisja tagħhom milli jafu x'tgħid il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa! Ġesù jgħid bi kliem l-aktar ċar,

> "***Lili** ngħatat kull setgħa fis-sema **u fl-art***" (Mattew 28:19; enfasi tiegħi).

Iva, Kristu għandu l-awtorità *kollha* fuq l-art kif ukoll fis-sema. Hu jmexxina permezz tal-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa—mhux permezz ta' xi bniedem jew bnedmin! It-tradizzjonijiet tal-bnedmin għandhom jiġu mwarrba fil-ġenb jekk aħna rridu li nobdu "*l-liġi perfetta tal-ħelsien*" (Ġakbu 1:25). L-attitudni tal-knejjes ta' Kristu lejn il-Bibbja hija miġbura fl-istqarrija familjari li aħna nistqarru li:

> "Aħna nitkellmu fejn il-Bibbja titkellem u nibqgħu siekta fejn il-Bibbja hija siekta."

Xi żmien ilu, fis-sezzjoni dwar ir-Reliġjon, il-perjodiku "Time", perjodiku popolari barrani, sejjaħ lill-membri tal-knisja ta' Kristu "l-aktar marbuta mal-

Bibbja mir-reliġjonijiet kollha.' Aħna naċċettaw dan bħala kumpli-ment saibħ għalina u dan għaliex jaqbel ma' żewġ versi sbieħ:

**Ġakbu 1:21,**

> "*…Ilqgħu bil-ħlewwa l-kelma mħawla fikom, li tista' ssalvalkom ruħkom.*"

**Atti 20:32,**

> "*U issa nitlaqhom f'idejn Alla u l-kelma tal-grazzja tiegħu, dik il-kelma li għandha l-qawwa li tibnikom u tagħti-kom sehemkom fost dawk li huma kko-nsagrati lilu.*"

Verament, aħna nemmnu li l-Iskrittura fiha "*dak kollu li hu meħtieġ għal ħajja u t-tjieba*" (2 Pietru 1:3). L-Iskrittura biss tista' thejjina għal kull ħidma tajba u tagħmilna perfetti quddiem għajnejn Alla (2 Timotju 3:16-17). Għalhekk, aħna m'għandniex bżonn xi tagħlim ieħor jew rivelazzjonijiet oħra tal-bniedem. Ma hemm xejn fil-Kristjaneżmu sabiex tivvota dwaru. Kollox kien irrivelat mis-smewwiet fiż-żmien l-appostli ta' Kristu, matul l-ewwel seklu. Il-biċċa xogħol tagħna hija li naċ-ċettaw u nobdu u npoġġu r-rieda tagħna għall-Kelma ta' Alla! Din l-attitudni lejn il-Bibbja Mqaddsa tagħmel il-knisja ta' Kristu unika tassew. Meta xi teorija ġdida tqum fost l-għaqdiet reliġjużi aħna nikkonkludu li "*jekk din hi veru din mhix ġdida għax qiegħda fil-Bibbja u jekk din hija ġdida allura din mhix veru.*" Ladarba aħna serjin inkunu ġġudikati fl-aħħar jum skond l-Iskrittura (Ġwanni 12:48; Rumani 2:16), aħna kuntenti li nkunu ggwidati minnha biss. Għaliex,

> “*jekk xi ħadd jitkellem, dan għandu jippriedka l-kelma ta’ Alla*” (1 Pietru 4:11).

Attitudni bħal din iġġiegħlna nużaw l-ilħna tagħna biss fit-tifħir lil Alla. Kristu, il-Medjatur tat-Testment il-Ġdid (Lhud 9:15), igħidilna biex inkantaw u ngħannu minn qalbna (Kolossin 3:16; Efesin 5:19). Dan aħna ngħam-luh. L-istorja tgħidilna li l-Papa Vitaljan tas-seklu sebgħa introduċa mużika strumentali fl-laqgħat tal-qima. Iżda, kien fis-seklu ħdax li dan kien ġeneralment ipprattikat. Kienu ħafna li opponew għal dan. (Ara *Cyclopaedia of Biblica, Theological, and Ecclesiastical Literature*, Vol. VI, Music, III. *Use of Instruments in the Church*, p. 759. Ara wkoll, *Riflessi*, Strumenti Mużikali, p. 230, Diċ. 1987.) Xi wħud jippruvaw igħidu li ma hemm xejn ħażin f’li tuża strumenti mekkaniċi fil-qima lil Alla. Anzi, ighidu huma, il-kant ikun isbaħ akkumpanjat minnhom! Imma dak li naħsbu aħna u li jogħġob lilna mhuwiex dak li jaħseb Alla u li jogħġob lilna! Isma’ x’tgħidilna l-Kelma ta’ Alla dwar dan:

> “*Ittama fil-Mulej b’qalbek kollha, u tafdax fil-għaqal tiegħek*” (Proverbji 3:5).
>
> “*Xi ħadd jista’ jaħseb li triqtu dritta, iżda mbagħad tmiemha jwassal għall-mewt*” (Proverbji 14:12).
>
> “*Il-fehmiet tiegħi ma humiex triqat-kom.—Oraklu tal-Mulej—Għax daqs-*

*kemm huma ogħla s-semwwiet daqs-hekk ieħor huma triqati 'l fuq minn triqatkom, u l-fehmiet mill-fehmiet tagħkom. Bħalma x-xita u s-silġ jinżlu mis-smewwiet, u ma jerġgħux lura mnejn ġew bla ma jsaqqu l-art, imma jġegħluha tnissel u tnibbet, u tagħti ż-żerriegħa 'l min jiżra' u l-ħobż 'il min jiekol,* ***hekk jiġri minn kelmti: hija toħroġ minn fommi, u ma terġax lura vojta, imma tagħmel dak li jogħġob lili,*** *u ttemm dak li nkun bgħattha ta-għmel*" (Isaija 55:8-11; enfasi tiegħi).

X'jogħġob lilna ma jiswa xejn, x'jogħġob lil Alla li jiswa! Il-bniedem juża strumenti mekkaniċi fil-qima għaliex dawn jogħġbu lilu. Iżda aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid, l-aktar li jinteressana hija l-veduta tal-Mulej tagħna, Sidna Ġesù Kristu. Din l-attitudni li l-Iskrittura hija biżżejjed għalkollox, iġġiegħelna biex nosservaw l-Ikla tal-Mulej (tqarbin) f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd (Atti 20:7). Ġesù definittivament għallem li titli reliġjużi, bħala "Father", "Reverend", "Holy Father", eċċ., kienu kontra l-ispirtu Kristjan (Mat-tew 23:1-12; Salm 111:9; Rivelazzjoni 15:4). Dak huma titli ta' Alla waħdu. Kull Kristjan huwa membru tas-saċerdozju rjali (1 Pietru 2:9). Biex il-knisja ta' Kristu timxi tassew skond l-Iskrittura, ħalliet barra tagħlim ġdid li żdied matul is-sekli. Aħna nirreferu għat-tibxix għall-magħmudija, il-magħmudija tat-trabi, talb permezz ta' Marija u ta' l-hekk imsejħa qaddisin

magħmula hekk mill-bnedmin, l-għadd taż-żibeċ, relikwi u statwi, "dnub oriġinali" (jew dnub tan-nisel), u l-osservazzjoni ta' ġranet imqaddsa (festi) eċċ. bħala li jmorru kontra l-Kelma ta' Alla. Għal passaġġi bibliċi ċari fejn iċanfru bl-aħrax affarijiet bħal dawn, aqra dawn li ġejjin: Kolossin 2:12; Atti 8:12; 1 Timotju 2:5; Mattew 6:5-8; Ġwanni 2:9; Atti 17:29; Galatin 4:10-11.

It-tieni, il-knisja ta' Kristu hi distinta minħabba l-enfasi li tagħmel. L-isforzi ta' dan il-grupp mhux denomin-attiv mhumiex imberbqa fi stat politiku. Fi kliem ieħor, aħna nippruvaw inqawwu l-bżonnijiet spiritwali tal-pop-lu minflok ix-xewqa materjalistika. It-Testment il-Ġdid biċ-ċar jikkonferma li s-Saltna ta' Alla, il-knisja tal-Mulej tagħna mhix taħlita ta' knisja u stat (Ġwanni 18: 36; Mattew 22:21). Illum, jidher biċ-ċar, li ħafna għaq-diet reliġjużi jipprovdu għall-mogħdija taż-żmien tal-membri tagħhom, minflok ma jipprovdu l-messaġġ għas-salvazzjoni li tant hemm bżonnu. Xi wħud jaħsbu li bini mżejjen u lussuż ifisser suċċess fil-Kristjaneżmu. Iżda aħna naqraw f'Atti 17:24 li Alla ma jgħammarx f'tempji maħduma b'idejn il-bnedmin u r-raġuni għal dan hija għaliex it-tempju ta' Alla huwa aħna (1 Korintin 3:16-17; 6:19). Jekk il-knejjes kollha jibdew jippriedkaw Kristjanità vera tat-Testment il-Ġdid u jħallu n-negozju li kienu jagħmlu, ikun sar progress kbir u nkunu tassew qegħdin nogħġbu lil Alla. Meta kongregazzjonijiet jimxu wara l-pjan tas-Salvatur biex jiffinanzjaw ix-xogħol tal-knisja, ma jkunx hemm bżonn għall-bażar, lotteriji, eċċ. Aħna naqraw dwar il-pjan tal-Mulej għall-fondi tal-Knisja fl-1 Korintin 16:1-2 u 2 Korintin 9:6-7.

Il-knisja ta' Kristu tenfasizza ritorn u mhux riforma fir-reliġjon. L-interess tagħna huwa li mmorru lura għall-Kristjaneżmu oriġinali. Ix-xewqa tagħna hija li mmorru 'l fuq minn Ruma u l-apostasija u lura lejn Ġerusalem u r-reliġjon li bdiet hemm fis-sena 33 W.K. Wieħed jista' jaqra dwar dan il-bidu glorjuż f'Atti kapitlu tnejn. F'dan ir-rigward aħna la aħna Kattoliċi Rumani u lanqas Pro-testanti jew xi denominazzjoni oħra. Aħna sempliċiment Kristjani biss (Atti 11:26)! Il-Knisja tal-Mulej tinsisti li qabel ma nobdu fis-sħiħ il-Kristjaneżmu kif imwaqqaf minn Kristu stess fl-ewwel seklu, ma nistgħux ikollna re-liġjon kif kienet ippjanata minn Alla. Ma hemmx appell ieħor fiż-żgur illum. L-interess tagħna qiegħed mhux f'Wesley, Joseph Smith, Rutherford, Ellen White, Boni-face III, Konstantinu, Luteru, Enriku VIII jew f'xi fun-datur ieħor, iżda fl-Evanġelju li ma jispiċċa qatt ta' l-iben ta' Alla! Fi Ġwanni 8:32 aħna żgurati li "*l-verità teħ-lisna.*" Aħna ma nemmnu fl-ebda Moviment ta' Riforma, iżda nfittxu li nagħmlu dak li kienet tipprattika l-knisja fl-ewwel seklu. Żgur li int tista' tara l-għerf fl-enfasi ta-għna. Din is-sejħa ma tagħti unur lill-ebda bniedem jew moviment. Hija tagħti qima biss lil Kristu. It-tniġġis ta' tagħlim falz li nxtered matul is-sekli, jista' jiġi meqrud bi sforz onest u b'hekk ngħixu f'armonija mat-tagħlim tal-Feddej tagħna Ġesù Kristu fit-Testment il-Ġdid.

Dawk li huma familjari mal-knisja ta' Kristu, jaħsbu li aħna nisfurzaw il-magħmudija wisq. Ħafna qaluli: "Int-om tenfasizzaw id-dottrina ta' magħmudija fl-ilma għall-maħfra tad-dnubiet u l-urġenza ta' l-ubbidjenza, għal grad eċċezzjonali." Ejja ħalli nanalizzaw flimkien

din il-kritika. L-ewwel u qabel kollox, *Min* kien li kkmanda l-magħmudija? Aħna jew il-Mulej! (Mattew 28:19; Mark 16:16). Jekk il-Bibbja tgħallem li l-magħmudija hija bżonjuża għas-salvazzjoni, allura huwa d-dmir tagħna li nenfasizzaw il-bżonn tal-magħmudija. F'Mark 16:16 naqraw li l-magħmudija hija bżonjuża għas-salvazzjoni, allura huwa d-dmir tagħna li nenfasizzaw il-bżonn tagħ-ha. Il-Mulej, u mhux aħna, għallem f'Mark 16:16 li twe-mmin **u** magħmudija jiġu **qabel** is-salvazzjoni. F'Atti 22: 16 Sawl ġie muri illi li ssejjaħ l-isem tal-Mulej jinvolvi l-magħmudija li "*taħsel jew tħoll id-dnubiet.*" F'Galatin 3:37 aħna nitgħallmu li l-unika triq li nkunu **fi** Kristu hija li nitgħammdu Fih. Għall-maħfra ta' dnubiethom il-Lhud kienu ordnati biex "*jindmu u jitgħammdu*" (Atti 2:38). Fid-dawl ta' dan aħna għandna ta' sikwiet nifurmaw lil midinba dwar id-dover tagħhom. Ċertament l-evanġelisti fl-ewwel seklu ppridkaw bis-sħiħ in-neċessità tal-magħ-mudija. F'Atti 8:26-39 aħna naqraw dwar il-konverżjoni ta' Etjopjan famuż. Hu sama' priedka waħda biss dwar Kristu. Madankollu, huwa talab li jkun mgħaddas fi Kristu. Hemm fi triq imwarrba, Filippu, il-predikatur, għammed lir-raġel mill-Etjopja. Aħna nitgħallmu minn dan ir-rakkont ispirat, li meta l-Evanġelju ta' Kristu jkun ippridkat u mgħallem, il-magħmudija hija mdaħħla wkoll. Semiegħa onesti jobdu immedjatament. F'Atti 16: 25-34 aħna nsibu rakkont ieħor bħal dan li huwa dwar għassies Ruman ġo Filippi. Hu kien pagan f'art pagana. Iżda wara li sama' lezzjoni importanti minn fomm l-app-ostlu Pawlu hu kien mgħammed immdejatament,

ukoll għalkemm kien nofs-il-lejl! Ċertament li hemm urġenza kbira f'din il-ħaġa, f'dan is-suġġett ta' ubbidjenza lejn il-kmand ta' Kristu! Dan hu għaliex predikaturi fil-knisja ta' Kristu għandhom ħafna xi jgħidu dwar il-magħmu-dija. Huwa d-dmir sagrosant tagħna li nemmnu, nindmu **u** nitgħammdu għall-maħfra ta' dnubietna. U biex nit-għammdu, l-ewwel irridu nemmnu u nindmu u mhux bħala trabi li la jistgħu jemmnu u lanqas għandhom minn xhiex jindmu! Lanqas kif igħallmu xi wħud li wieħed ikun salv hekk kif jemmen!

Fl-aħħarnett, il-knisja ta' Kristu hija distinta fl-iskop tagħha. F'Efesin 3:21 aħna nfurmati dwar l-iskop divin tal-knisja ta' Kristu. Ir-raġuni għall-eżistenza hija biex tigglorifika lil Alla. Kienet ix-xewqa tal-Missier, qabel mad-dinja eżistiet, li xi darba jwaqqaf il-knisja bħala "*kolonna u pedament tal-verità*" (1 Timotju 3:15). Sabiex kongregazzjoni tagħti glorja lil Kreatur din għandha timxi fuq il-pjan divin (Lhud 8:5) irrivelat fil-Bibbja Mqaddsa. Kull tagħlim għandu jkun ibbażat fuq "ħekk igħid il-Mulej." Aħna għandna nistaqsu: "Għandna raġuni Skritturali għal dak li nagħmlu? L-isem li nġibu, spiritwalment, qiegħed fil-Bibbja? Jekk jiena nissejjaħ Protestant jew Kattoliku Ruman jew xi isem denomi-nattiv ieħor, insibu dan l-isem fil-Kelma ta' Alla? Jew irridu aħna nsibuh fl-istorja sekulari?" (Ara Kolossin 3: 17). Sakemm il-fidi tagħna ma tkunx ġiet permezz tas-smigħ tal-Kelma ta' Alla (Rumani 10:17) aħna qegħdin nimxu wara l-preċetti tal-bnedmin minflok fuq it-tagħlim ta' Sidna Ġesù Kristu! Il-knisja li aħna naqraw dwarha fit-Testment il-Ġdid kienet

tigglorifika lil Alla billi kienet tgħallem l-Evanġelju (1 Timtoju 4:16). Huma "*marru ma kullimkien ixandru l-kelma*" (Atti 8:4). Illum ħafna mini-stri reliġjużi jħallu l-Iskrittura barra mill-priedki tagħhom u jibdluha ma' filosofija tal-bnedmin. Dan il-mod ma jogħġobx lil Alla u lanqas ma jgħallem lill-bnedmin. Bħall-knisja ta' l-ewwel seklu, għandna nkunu ta' ġid għall-oħrajn. Meta l-appostlu Pawlu kiteb lill-kongreg-azzjonijiet tal-Mulej f'Galatja qal,

> "*Mela dment li għandna ż-żmien ħa nagħmlu l-ġid ma' kulħadd, l-iktar ma' qrabatna fil-fidi*" (Galtin 6:10).

Hekk ukoll, aħna nikkonkludu li permezz ta' l-evan-ġelizzazzjoni, tagħlim u tjieba, il-knisja fi żmien l-appos-tli, igglorifikat lil Alla. Kristu waqqaf il-knisja Tiegħu għal dan l-iskop.

Hemm bżonn li kulħadd ikun membru ta' knisja li tagħmel dak li oriġinarjament ġiet maħluqa għalih. Edu-katuri u politikanti jistgħu jmexxu l-iskejjel u l-gvernijiet. L-iskop tal-knisja ta' Kristu huwa biex issalva l-erwieħ li qegħdin jintilfu fid-dnub. Ejjew nibdew nonoraw u napp-rezzaw il-pjan ta' Alla.

Qiegħed inti tonora u tapplika għal ħajtek it-tagħlim tal-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa?

Għal aktar informazzjoni ikkuntatjana:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,

Msida. MSD 10
Email: info@churchofchristmalta.com
Webiste: www.churchofchristmalta.com